MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Citazzjoni Numru. 103/2007

**A B f'isimha proprju u bħala kuratriċi *ad item* ta' wliedha minuri**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attriċi preżentat fit-tlieta t'Ottubru 2011 li permezz tiegħu hija talbet li tqis it-talba tagħha għal separazzjoni bħala waħda għal divorzju skont l-artikolu 66F tal-Kodiċi Ċivili;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Lulju 2012 li permezz tiegħu il-partijiet qablu li tingħata sentenza f'dan is-sens u s-sentenza mogħtija fis-26 ta' Ottubru 2012 li permezz tagħha din it-talba ġiet milqugħa;

Rat il-verbal tas-seduta tal-25 ta’ Jannar 2013 minn fejn jirriżulta illi l-partjiet iddikjaraw illi l-unika vertenza li trid tiġi deċiża mill-Qorti hija appuntu li jiġi dikjarat il-ħall taż-żwieġ skont l-artikolu 66A;

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talba, tiddikjara maħlul iż-żwieġ bejn il-kontendenti skont l-artikolu 66A *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili, u tordna li din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku illi għandu jirreġistraha skont l-istess provvedimenti tal-liġi fi żmien għoxrin ġurnata minn meta jiġi notifikat biha.**

**L-ipejjeż ta’ din is-sentenza jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------